C/2026/4073

23.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12530 – ATLAS HOLDINGS / KPS / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4073)

1. Fl-14 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Atlas FRM LLC ("Atlas Holdings", l-Istati Uniti),

— KPS Capital Partners, LP ("KPS", l-Istati Uniti).

Atlas Holdings u KPS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta li għadha kif ġiet ffurmata permezz tal-kontribut ta' ċerti negozji tal-portafoll eżistenti.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Atlas Holdings hija ditta ta' investiment privat. Atlas Holdings u l-fondi affiljati tagħha għandhom u joperaw portafoll ta' kumpaniji attivi f'firxa ta' setturi industrijali u tal-manifattura. Atlas Holdings hija attiva fl-Istati Uniti fl-industrija tal-batteriji u tal-ħżin tal-enerġija permezz tal-Edison Group, li jinkludi l-kumpaniji li għandhom jiġu kkontribwiti għall-impriża konġunta li għadha kif ġiet iffurmata: Stryten Energy LLC, Element Resources DE LLC, u Motrex LLC u s-sussidjarji rispettivi tagħhom (l-Istati Uniti kollha),

— KPS hija kumpanija ta' investiment privat li tagħmel investimenti ta' ekwità ta' kontroll f'kumpaniji tal-manifattura u industrijali f'firxa varjata ta' industriji. KPS tikkontrolla indirettament lil C&D Technologies Inc. (l-Istati Uniti), kumpanija attiva fil-manifattura u l-provvista ta' soluzzjonijiet u servizzi tal-batteriji u tal-ħżin tal-enerġija għal applikazzjonijiet industrijali u kummerċjali, li għandhom jikkontribwixxu għall-impriża konġunta li għadha kif ġiet iffurmata.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta li għadha kif ġiet iffurmata se jikkonsistu fl-attivitajiet tal-Edison Group u C&D Technologies Inc., jiġifieri se tkun attiva fil-manifattura ta' soluzzjonijiet tal-batteriji u tal-ħżin tal-enerġija u fil-provvista ta' servizzi rilevanti. L-attivitajiet tal-impriża konġunta huma mistennija li jitwettqu prinċipalment fl-Istati Uniti, fil-Kanada, fil-Messiku u fiċ-Ċina b'attivitajiet aktar limitati fil-bqija tad-dinja, inkluża ż-ŻEE.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12530 — ATLAS HOLDINGS / KPS / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË